MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 163/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**James Baldacchino**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra James Baldacchino, bin George u Maria Concetta nee Apap, imwieled fit-18 ta' Settembru 1980, detentur tal-karta ta' l-identita` nru 453480M, talli fit-30 ta' Dicembru 2007 ghall-habta tas-1.30 ta' filghodu gewwa "Pinks", Triq Ball, San Giljan (**1**) ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Amy Saliba hekk kif iccertifikaw Dr Paul Mangion u Dr Chris Mercieca mill-Gzira Health Centre, u (**2**) ingurja jew hedded lil Amy Saliba bil-kliem;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Mejju 2008 li permezz taghha dik il-qorti lliberat lill-

imsemmi James Baldacchino “stante li [l-imputazzjonijiet] mhux pruvati”;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali, minnu pprezentat fit-2 ta’ Gunju 2008, li permezz tieghu huwa talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza u li din il-Qorti minflok tghaddi biex tisma’ l-provi, issib lill-appellat hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-bierah; ikkunsidrat:

L-Avukat Generali qed jappella a bazi ta’ dak li jipprovdi l-Artikolu 413(1)(b)(vi) tal-Kodici Kriminali. Dak li, mill-atti, jirrizulta li gara hu li ghall-udjenza tal-15 ta’ Mejju 2008 ix-xhud Amy Saliba – kjarament xhud importanti ghall-kaz tal-prosekuzzjoni – kienet debitament ingunta, kif jirrizulta mir-riferta ezibita a fol. 3 ta’ l-atti. Din giet imsejha diversi drabi izda baqghet ma tfaccatx. Huwa minnu li fil-verbal ta’ l-udjenza in kwistjoni hemm registrat – wara li jinghad li din ix-xhud issejhet diversi drabi u baqghet ma dehritx – li “l-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li m’ghandux provi x’jipproduci”, izda tali dikjarazzjoni b’ebda mod ma tista’ tigi interpretata li l-prosekuzzjoni kienet qed tirrinunzja ghal din ix-xhud. Rinunzja simili trid tkun cara u esplicita. Hemm sensiela ta’ sentenzi li jipprovdu x’ghandu jsir f’kaz simili. A skans ta’ ripetizzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha tad-19 ta’ Mejju 1995 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Louis Farrugia**, u ghad-diversi sentenzi msemmija f’dik l-istess sentenza. Jizdied jinghad li l-kawza odjerna ma hix kawza privata, fejn il-prosekuzzjoni qed titmexxa mill-parti leza, izda – kif tixhed it-tahrika a fol. 1 ta’ l-atti – kawza tal-pulizija fejn il-prosekuzzjoni qed titmexxa proprju mill-pulizija. Mhux accettabbli li f’tali kawza xhud, bin-nuqqas ta’ dehra tieghu jew taghha, jistronka jew tistronka l-azzjoni li hi essenzjalment wahda pubblika, flok ma l-istess xhud jigi kostrett jidher jew tigi kostretta tidher b’mandat ta’ arrest jew mandat ta’ skorta.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti sejra takkolji l-appell ta’ l-Avukat Generali, pero` ma taqbilx li ghandha tkompli tisma’ hi stess il-provi f’dana l-istadju, u dan biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-doppju ezami.

Ghalhekk, tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tordna lir-Registratur sabiex jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali sabiex din tisma’ l-kawza mill-gdid u tiddecidiha skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------